*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,502, 20 ta' Ottubru, 2020*
*Taqsima C*

# Nru. 174

20. 10. 2020

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Byron Camilleri, M.P., Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-7 ta' Ottubru 2020.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kap. 291.**

Raymond Scicluna
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Byron Camilleri, M.P., Minister for Home Affairs, National Security and Law Enforcement, and read the First time at the Sitting of the 7th October 2020.

**AN ACT to amend the Commissioners for Justice Act, Cap. 291.**

Raymond Scicluna
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kap. 291.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

Kap. 291.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

**2.** Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2A)Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), meta jkun ingħata jew ġie mwaħħal xi avviż kif provdut fis-subartikolu (2) u l-ewwel proviso tiegħu, tali avviż jista', minflok l-informazzjoni msemmija taħt is-subartikolu (2), ikun fih informazzjoni dwar kif wieħed jista' jaċċessa u jara dik l-informazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi u l-perjodu li fih wieħed jista' hekk jaċċessa u jara tali informazzjoni:

Iżda fejn wieħed ma jkunx jista' jaċċessa jew jara l-informazzjoni fil-perjodu indikat f'dak l-avviż, avviż li jkun fih l-informazzjoni msemmija taħt is-subartikolu (2) għandu jintbagħat bil-posta jew b'mezzi oħra kif provdut mil-liġi.".

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jipprovdu l-possibbiltà li persuna li tkun wettqet reat skedat tiġi nfurmata li r-reat ikun sar b'avviż li jwassal lil min jagħmel ir-reat biex jaċċessa u jara d-dettalji tar-reat permezz ta' mezzi elettroniċi.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Commissioners for Justice Act. Cap 291.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Commissioners for Justice (Amendment) Act, 2020 and this Act shall be read and construed as one with the Commissioners for Justice Act, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Cap. 291

**2.** Immediately after sub-article (2) of article 14 of the principal Act, there shall be added the following sub-article: Amendment to article 14 of the principal Act.

"(2A)Notwithstanding the provisions of sub-article (2), where any notice is handed over or is affixed as is provided in sub-article (2) and the first proviso thereto, such notice may, instead of the information mentioned under sub-article (2), contain information as to how that information may be accessed and viewed through electronic means and the period within which such information may be so accessed and viewed:

Provided that where the information is not accessed and viewed within the period indicated in such notice, a notice containing the information mentioned under sub-article (2) shall be sent by mail or by any other means as provided by law.".

## Objects and Reasons

The objects and reasons of this Bill are to provide for the possibility of informing a person who has committed a scheduled offence that an offence has been committed by a notice leading the offender to view and access the details of the offence through electronic means.

VERŻJONI ELETTRONIKA

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**